


Gaia Cauchi tinterpreta l-kanzunetta rebbieħa 'The Start' f'Kiev li tellgħetha fuq nett tal-klassifika finali tal-Junior Eurovision Song Contest. Fir-ritratt tal-lemin tidher kuntenta bit-trofew f'idejha

# Forsi f'Mejju nieħdu d-double…

**Noel D'Anastas**
ndanastas@gmail.com

Fid-9 ta' April, 1962 Malta kienet qamet titkellem fuq is-suċċess miksub mit-tfajjel Raymond Debono li b'*La Giacca Rotta* kien rebaħ ir-raba' edizzjoni taz-*Zecchino d'Oro*. Kien hemm Malti ieħor, John Sultana, li kien kanta *Lunapark*. Kienu qalu hekk: "Quando Raymond tornò a Malta fu accolto come un eroe nazionale". Dawk li llum qabżu l-ħamsin sena sew forsi għadhom jiftakru dan l-avveniment imxandar fuq ir-RAI.

Għaddew ħamsin sena, u s-Sibt li għadda, 30 ta' Novembru, Malta reġgħet kienet kburija b'tifla ta' 11-il sena, Gaia Cauchi, li t-talent vokali tagħha hu straordinarju għall-età tagħha. Gaia Cauchi rebħet il-*Junior Eurovision Song Contest* bl-unika *ballad* li kien hemm, *The Start*, miktuba minn Muxu u Elton Zarb flimkien ukoll bl-għajnuna moghtija minn Gillian Attard, l-għalliema tal-kant tagħha li dan l-aħħar smajna ħafna dwarha, anki għas-suċċessi li kisbu Veronica Rotin u Shauna Vassallo f'*Ti Lascio Una Canzone.*

Il-11-il edizzjoni tal-*Junior Eurovision Song Contest* sar fil-Palazz tal-Arti f'Kiev, il-kapitali tal-Ukrajna. Għall-kronaka, 12-il pajjiż ħadu sehem f'manifest għall-kantanti minuri preżentat minn Timur Miroshnychenco u Zlata Ognevich.

It-trijonf ta' Malta għall-ewwel darba fl-istorja ta' kemm ħadna sehem kien fuq l-Iżvezja, l-Ażerbaijan, l-Armenia, San Marino, il-Maċedonia, l-Ukrajna, il-Belarussja, il-Moldova, Georġja, l-Olanda u r-Russja. L-interess f'dan il-festival hu limitat jew ineżistenti f'pajjiżi li huma prominenti fil-Eurovision bħall-Ingilterra, Franza, il-Ġermanja, Spanja u l-Italja, għalkemm uħud minnhom dehru fl-ewwel edizzjonijiet biss. Fit-tieni u t-tielet post ġew Sofia Tarasova (Ukrajna) b'*We are One* u Ilya Volkov (Belarussja) b'*Poy so mnoy* li ġabu 121 u 108 punti rispettivament.

L-aħħar dehra ta' Malta f'dan il-manifest taż-żgħar kien fl-2010 meta Nicola Azzopardi kienet maret il-Belarussja u kklassifikajna qabel il-qiegħ. Sa dik l-edizzjoni, l-'ambaxxaturi' riedu jintgħażlu minn kompetizzjoni lokali. Din id-darba, mingħajr l-ebda festival lokali, il-PBS għażlet lil Gaia biex tirrappreżentana. Il-formula tidher li ħadmet u ħafna jemmnu li f'dan il-manifest tal-Eurovision għandu jinbidel il-format kif jintgħażel ir-rappreżentant tagħna.

Nemmen li f'manifesti bħal dawn trid taħdem b'ċertu għaqal. Trid tibni minn qabel. U hekk jidher li sar, dirett jew indirettament, għax Gaia Cauchi kienet diġà kisbet suċċess. Kienet dehret fil-programm tar-RAI ta' Antonella Clerici f'*Ti Lascio Una Canzone* ftit tax-xhur ilu ferm qabel ma dehret ma' Joseph Calleja. Kienet kantat *Proud Mary* u lit-Taljani u dawk li segwewha bellhithom! Rebħet ukoll il-Junior Festival ta' Sanremo, unur ieħor prestiġjuż. Ingħatat l-*International Achievement Awards* fl-aħħar edizzjoni tal-*Malta Music Awards.*

Il-futur hu sabiħ. Ħafna qalulha Whitney Houston żgħira, iżda l-paraguni huma odjużi. Ma nistax ngħid li tipprometti għax diġà ppromettiet sew u bil-kbir, u jalla tkompli tikber artistikament u tikber aktar jekk is-saqajn jibqgħu mal-art.

Il-Ħadd filgħaxija lura Malta minn Frankfurt, Gaia u t-tim Malti li kien wara s-suċċess tagħha, sabet mijiet jistennewha. Tawha merħba ta' eroj nazzjonali. U bix-xieraq! Kellha kliem ta' tifħir anki mit-tenur Malti internazzjonali Joseph Calleja. Is-*social networks*, fosthom *Facebook*, kien mifqugħ b'ritratti tagħha u b'tant awguri. Fil-jiem li għaddew kien hemm l-aġenda li lil Gaia u lil ta' madwarha naghtuhom Ġieħ ir-Repubblika, xenarju konfuż. Nemmen li kollox irid jinżamm fil-perspettiva tiegħu.

Tiegħu l-unur jew le, Gaia tibqa' lokalment fenomenu attwali għal dak li għamlet s'issa.



Joseph Lia



Andriana Yordanova



Albert Buttigieg



Claudia Tabone

# 'Viva Verdi' fit-Teatru Manoel is-Sibt li ġej

Kulħadd jaqbel li Giuseppe Verdi hu wieħed fost l-aktar kompożituri kbar fil-kamp tal-opra u hu wkoll ferm popolari mal-udjenza Maltija. Din issena kienet dedikata għal dan il-kompożitur b'kommemorazzjoni tal-biċentinarju tat-twelid tiegħu.

Għal dan il-għan ma setax jonqos li l-Orkestra Filarmonika ta' Malta tiddedika kunċert proprju għall-mużika tant melodjuża u sabiħa ta' Giuseppe Verdi, li se jsir nhar is-Sibt 14 ta' Diċembru fis-7.30 ta' filgħaxija fit-Teatru Manoel.

U jekk wieħed isemmi l-opri, ovvjament ma jistax jonqos il-kant! Għal din is-serata se jingħaqdu mal-Orkestra erba' kantanti bravi, is-soprani Claudia Tabone u Andriana Yordanova, il-baritonu Joseph Lia u l-baxx Albert Buttigieg, li se jinterpretaw għadd ta' xeni varji minn uħud mill-aktar opri popolari ta' Verdi bħal *Rigoletto, La Forza del Destino, Nabucco, Don Carlo, I Vespri Siciliani* u *Macbeth* fost oħrajn. L-Orkestra min-naħa tagħha se tibbrilla fl-interpretazzjoni ta' *overtures* spettakolari li huma mgħammrin bihom l-istess opri.

Nistgħu ngħidu li *Viva Verdi!* mhuwiex sempliċement kunċert ieħor, imma serata mill-aqwa b'mużika mimlija passjoni, romantiċiżmu u melodiji indimentikabbli.

L-Orkestra, flimkien mas-solisti, se tkun taħt id-direzzjoni ta' Michael Laus. Għal aktar informazzjoni u biex takkwistaw il-biljetti ċemplu 21246389 jew żuru s-sit *www.teatrumanoel.com.mt.*